31993R1793

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 1793/93
tat-30 ta' Ġunju 1993
dwar il-fatt operattiv għar-rati ta' konverżjoni agrikoli wżati fis-settur tal-ħops

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3813/92 tat-28 ta' Diċembru 1992 dwar il-unità ta' kont u r-rati ta' konverżjoni li għandhom jigu applikati għall-għanijiet tal-politika komuni agrikola [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) tiegħu,

Billi l-għajnuna introdotta bl-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1696/71 tas-26 ta' Lulju 1971 dwar l-organizzazzjoni komuni fis-suq fil-ħops [2], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 3124/92 [3], tista' tingħata dwar prodotti tal-ħops fil-Komunità;

Billi ma hemmx sena tal-*marketing* għall-ħops; billi, għalhekk, deroga għandha tkun provduta mill-Artikolu 11(1) tar-Regolament (KEE) Nru 1068/93 tat-30 ta' April 1993 dwar regoli dettaljati għall-istabbilir u applikazzjoni tar-rati ta' konverżjoni agrikoli [4];

Billi r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2540/75 tas-6 ta' Ottubru 1975 li jiddefinixxi l-ġrajja li fiha l-ħlas ta' għajnuna lill-kabbara tal-ħops issir dovuta u għandha tithallas [5] jiddefinixxi l-fatt operattiv għar-rata ta' konverżjoni agrikola li għandha tintuża għall-ħlas tal-għajnuna bħala d-data tal-adozzjoni tar-Regolament tal-Kunsill li jiffissa l-ammont ta' għajnuna lill-kabbara dwar il-ħsad tas-sena ta' qabel; billi l-fatt operattiv għar-rata ta' konverżjoni agrikola applikabbli għall-għajnuna lill-kabbara tal-ħops għandha tkun l-1 ta' Lulju tas-sena tad-dhul fis-seħħ tar-Regolament tal-Kunsill li jiffissa l-ammont tal-għajnuna; billi, għalhekk, ir-Regolament (KEE) Nru 2540/75 għandu jigi mħassar;

Billi l-miżuri li għalihom jipprovdi dan ir-Regolament jaqblu ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni tal-Ħops,

ADDOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-rata ta' konverżjoni agrikola li għandha tiġi applikata għall-għanijiet tal-għajnuna li għaliha jipprovdi l-Artikolu 12 tar-Regolament (KEE) Nru 1696/71 għandha tkun ir-rata fis-seħħ fl-1 ta' Lulju tas-sena li fiha r-Regolament li jiffissa l-ammont ta' għajnuna lill-kabbara jidħol fis-seħħ.

Artikolu 2

Ir-Regolament (KEE) Nru 2540/75 huwa b'dan imħassar.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidhol fis-seħħ fis-seba' jum li jiġi wara dak li fih jiġi ppublikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, it-30 ta' Ġunju 1993.

Ghall-Kummissjoni
René STEICHEN
Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 387, tal-31.12.1992, p. 1.
[2] ĠU L 175, ta' l-4.8.1971, p. 1.
[3] ĠU L 313, tat-30.10.1992, p. 1.
[4] ĠU L 108, ta' l-1.5.1993, p. 106.
[5] ĠU L 259, tas-7.10.1975, p. 9.